# 39. Il-Btala Tal-Palm

Sajf sħiħ stennew il-Btala
tal-jum tal-ewwel xita bakkarija,
sajf sħiħ batew in-nixfa
u l-kruha tal-werqiet bit-trab miksija;

Stennew il-ħjut tax-xita,
il-ħjut ħarir u deheb tax-xemx fid-dija,
stennew il-bandla u l-għana
mar-riħ ferħan u x-xita għalanija.

U fl-aħħar beda jimla
u jdallam il-punent bi sħab sewdiena;
xi ragħda bdiet iddamdam,
titnikker mas-smewwiet donnha għajjiena.

U waqa' skiet ta' qima
ma' kullimkien; minn fuq il-barumbara
temm it-tbarqim u n-namra
il-ħamiem kollu u q'għad jistagħġeb jara.

U l-ewwel taqtiriet
b'taħbita bdew neżlin kemm kemm għaġġiela;
bibien is-sema nfetħu
fi gliegel u f'għejjun t'ilma għammiela.

Ix-xniexel u l-imriewaħ
firxu l-palmiet biex jilqgħu dik il-benna;
sal-anqas qatra daħlet
ġo qalbhom u ħassew ħlewwiet il-ġenna.

U sbieħu lkoll, u libsu,
żanżnu l-libsa taż-żfin kollha ħadrana,
il-friegħi bdew imejlu,
qishom tal-karnival xi karuvana.

Tħaxwix u raxx u nfiħ
għaqqdu l-palmiet flimkien ta' ferħ f'ħannieqa;
kollha xorbuha t-tazza
tal-ferħ tal-għid: tas-sajf insew id-diqa.

U mewġa wara mewġa
beda ħiereġ il-ferħ tal-għanja twila
tal-weraq għalanija
mar-riħ u l-ilmijiet nieżla qalila.

* * *

Naqsu l-infiħ u x-xita,
fuq l-ixheb tas-smewwiet dehret qawsalla;
lewn iżraq deh'r fix-xefaq,
sħab iżjed il-punent ma riedx italla'.

Minn bejn is-sħab xehbiena
ħarġu l-imrieżaq twal tad-dawl imbiegħed;
malajr bdiet il-mixegħla
tal-palm fil-friegħi tgħammex u titriegħed.

L-għasafar qtajja' qtajja'
inġabru jgħannu lkoll b'leħen fuqani;
it-tfal dawra durella
iduru 'l hawn u 'l hemm b'wiċċhom daħqani.

Il-btala damet sejra
sa xħin kull dawl tax-xemx ħatfet id-dalma;
sal-aħħar baqa' jqattar
taqtir il-ferħ mill-friegħi ta' kull palma.

* * *

Oh! l-ħlewwa li tkun palma
fil-jum tal-ewwel xita bakkarija,
li magħhom tmur tissieħeb,
li jkollok qalbek b'dak il-ferħ mimlija,

Il-ferħ bla dmugħ li sawwab
Alla fis-sema u fl-art flimkien mad-dija,
il-ferħ li jagħmel aħwa
u jwaħħad ma' xulxin ħlejjaq bla ħtija.